TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 253/11

**Sylvia Zammit**
**vs**
**Aldo's Refrigeration Works**

Illum 9 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-27 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' sebgħin ewro (€70), rappreżentanti prezz ta' riparazzjoni fuq magna tal-ħasil u li xorta baqgħet bil-ħsara.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ingaġġat lill-intimat sabiex isewwi l-magna tal-ħasil u minkejja li pprova jirranġaha darbtejn u ħallset sebgħin ewro (€70), dina xorta baqgħet bl-istess problema u li għalhekk ix-xogħolijiet tat-tiswija saru għalxejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, m'attendiex għas-seduta u għalhekk it-talba ma ġietx ikkontestata.

It-Tribunal jinnota illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub għal din it-talba.

It-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli, u għalhekk qed jemmen il-verżjoni tagħha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' sebgħin ewro (€70), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888